MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Rikors Numru. 7/2003/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Josephine Bartolo bhala uzufruttwarja.
Maria Victoria Bartolo ghan-nuda proprjeta'**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Art li jghid:

"Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 26 ta' Dicembru 2002 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'San Giljan tal-kejl ta' madwar 259 metri kwadri li tmiss mill-Punent ma' triq, mill-Lvant ma 'proprjeta' ta' Julian Bartolo u mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Alexander Apap Bologna, huwa ta' ghoxrin elf erba' mija u disa mitt lira Maltin [Lm20,900] kif jidher mir-rapport tal-Perit Joseph Mizzi A.&C.E. tas-26 ta' Frar

2002 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-21 ta' Jannar, 2003 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' erbghin elf Lira Maltija (Lm40,000)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)."

Ra wkoll r-risposta tal-intimati li tghid:

Illi huma jinsistu ghal kumpens ta' erbghin elf lira Maltin (Lm40,000) billi l-art in kwistjoni ghandha valur fis-suq jeccedi bil-bosta din il-figura, liema figura giet stabbilita mill-Perit Alfred Grech skond stima mahruga minnu li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok A;

Illi l-offerta ta' kumpens ta' ghoxrin elf u disa mitt lira Maltin (Lm20,900) maghmula mill-Kummissarju tal-Art hija tant baxxa li ma tistax tissejjah offerta serja.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi in sostenn tal-oggezzjoni taghhom, l-intimati ressqu xhieda teknika fil-vesti tal-perit arkitett taghhom li xehed fid-dettall dwar kif wasal ghal-valutazzjoni vantata mill-intimati.

Illi f'din il-materja l-Bord kien assistit mill-periti teknici tieghu, l-AIC David Pace u l-AIC Frederick Valentino li wara li ezaminaw is-sit kif ukoll id-dokumenti esebiti inkluz ix-xhieda tal-intimat, oltre li kkonkludew illi l-art hija wahda fabrikabbli, ikkonkludew inoltre bil-mod segwenti skond kif jirrizulta fir-relazzjoni taghhom annessa u formanti parti minn din is-sentenza:

"Minn ezami tad-dokumenti relattivi u mill-access li sar fuq il-post jirrizultalna illi l-art esproprijanda ai termini ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Pfroprjeta' ghall-skopijiet pubblici Kap 88 tikkwalifika bhala art fabbrikabbli jew Building site a basi tal-istess ligi u minn kalkoli li ghamilna, mehudin in konsiderazzjoni tal-kejl ta' l-art mittiehed (cirka 259:00 m.kwad) il-posizzjoni relattiva ta' l-istess art fi pjan ta' zvilupp ghal San Giljan u kif l-istess esproprijazzjoni setghet tinfluwenza il-valur fis-suq ta' l-art fabrikabbli residwa ta' l-istess intimati, jidhrilna illi l-kumpens dovut ghandu jkun ta' seba u tletin elf u tlett mitt liri Maltin libera u franka (LM37,300.00) ekwivalenti ghall Euros 86,885.63 freehold.

Illi ai termini tal-artikkolu 25 tal-Kap 88, meta l-membri teknici ikunu unanimi fid-decizjoni taghhom, l-Bord ghandu jiddeciedi skond il-kumpens hekk dikjarat mill-istess membri.

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati li jitrasferixxu lir-rikorrent bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut l-bicca art fabrikabbli f'San Giljan tal-kejl ta' madwar 259 metri kwadri li tmiss mill-Punent ma' triq, mill-Lvant ma' 'proprjeta' ta' Julian Bartolo u mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Alexander Apap Bologna, u dan versu l-kumpens ta'sitta u tmenin elf tmien mija hamsa u tmenin euro u tlieta u sittin centezmu (Euro 86,885.63) oltre l-imghax legali spettanti lill-intimati. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-3 ta' Gunju 2009 fis-2.30pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi LL.M.,

LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha jkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------